MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 868/2012

**Francesco Saverio *sive* Francis Cutajar; u Maria Cutajar**

**-vs-**

**Peter Paul Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fit-30 t'Awissu 2012 fejn premettew:

Illi permess ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Cassar tal-25 t'Awissu 1995 l-atturi u l-konvenut flimkien akkwistaw f'sehem indaqs bejniethom tlett porzjonijiet diviżi ta' art fis-Siġġiewi, formanti parti mill-art imsejħa Ta' Żmetta *sive* Cica, markati bħala l-*plots* numri ħamsa (5) u sitta (6) li għandhom kejl ta' tlett mija u erbgħin metri kwadri (340 m.k.) kull wieħed, kif ukoll il-*plot* numru sebgħa (7) li għandu kejl ta' tlett mija u għoxrin metru kwadru (320 m.k.), jikkonfinaw ilkoll flimkien peress li huma kontigwi, liema *plots* jinsabu fi Triq Dun Manwel Zammit, is-Siġġiewi u ndikati fil-pjanta annessa mal-imsemmi kuntratt;

Illi permezz ta' ittra legali bid-data tas-7 ta' Lulju 2012, ir-rikorrenti nfurmaw lill-konvenut li huma jixtiequx jibqgħu fil-komunjoni miegħu fir-rigward tal-imsemmija proprjeta' u talbuh sabiex jersaq sabiex issir il-qasma skont il-liġi;

Illi minkejja s-suespost, il-konvenut baqa' ma pprovda l-ebda tweġiba għat-talba tar-rikorrent u konsegwentement baqa' qatt ma' ġie mfassal u maqbul bejniethom pjan ta' qasma;

Illi l-atturi ma jixtiequx jibqgħu aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenut dwar l-imsemmija tlett porzjonijiet diviżi ta' art fis-Siġġiewi;

Għaldaqstant ir-rikorrenti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-atturi u l-konvenut huma komproprjetarji tat-tlett porzjonijiet diviżi ta’ art fis-Siġġiewi, formanti parti mill-art imsejħa Ta’ Żmetta *sive* Cica, immarkati bħala l-*plots* numri ħamsa (5), sitta (6) u sebgħa (7) fi Triq Dun Manwel Zammit, is-Siġġiewi;

2. Tiddikjara li l-imsemmija tlett porzjonijiet diviżi ta’ art fis-Siġġiewi huma komodament diviżibbli;

3. Tordna d-diviżjoni tal-imsemmija tlett porzjonijiet diviżi ta’ art fis-Siġġiewi billi tappunta perit tekniku sabiex jagħmel pjan ta’ qasma billi jaqsam l-imsemmija tlett porzjonijiet diviżi ta’ art f’żewġ porzjonijiet ugwali, u konsegwentement tordna li porzjon minnhom tiġi assenjata lill-atturi u porzjon ieħor lill-konvenut; u
4. Tappunta Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv ta’ diviżjoni u assenjazzjoni f’jum, lok u ħin li jiġu ffissati mill-Onorabbli Qorti u kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali bid-data tas-7 ta’ Lulju 2012 kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ġuramentata tal-konvenut Peter Paul Cutajar, ippreżentata fl-4 ta’ Jannar 2013 li permezz tagħha ddikjara:

Illi huwa m’għandu ebda oġġezzjoni li ssir il-qasma mitluba peress illi ż-żewġ partijiet jafu li t-tnejn għandhom ħamsin fil-mija tal-istess tlett porzjonijiet ta’ art.

Illi *inoltre*, Peter Paul Cutajar, meta rċieva l-ittra ufficjali, kien kellem lill attur u qallu li *stante* li għandhom kawża oħra ma’ terzi

fuq art iż-Zurrieq, jekk kien se jkun hemm riżultat tajjeb fil-kawża l-oħra, allura setgħu jaqsmu l-art kollha li tkun f'idejhom. Dan qed jingħad għal skopijiet ta' preċiżjoni.

Il-partijiet jistgħu wkoll jevitaw xogħol u spejjeż iżjed billi bejniethom iqabbdu perit jew *surveyor* ħalli jkun jista' jagħmel id-diviżjoni tal-istess tlett biċċiet art *stante* illi din hija kwistjoni li ma tippreżentax xi diffikultajiet kbar.

Illi konsegwentement din il-kawża għandha tiġi ntaxxata bħala ammessa.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża għall-qsim ta' proprjeta li l-kontendenti xtraw fl-1995. Il-partijiet qablu dwar il-kwoti kien hemm ftehim li jidher li ma ġiex onorat mill-konvenut u allura saret il-kawża.

Illi fil-fatt jidher illi l-partijiet anke nkarigaw perit biex jagħmel pjan ta' qasma b'mod li l-atturi jżommu bejnithom il-porzjon immarkata bl-ittra 'A' u l-konvenut jiġi assenjat dik immarkata bl-ittra 'B' fuq il-pjanta annessa man-nota preżentata, a fol. 22 *et sequitur*, tal-proċess. Għalkemm kien hemm tentattiv estrem biex

tiġi tranżatta l-kawża, dan ma sarx u allura l-Qorti jidhrilha illi għandha għaddi biex tippronunzja s-sentenza.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba;**

2. **Tilqa' t-tieni talba;**

3. **Tilqa' t-tielet talba b'dan illi l-atturi jiġu assenjati il-porzjoni mmarkata bl-ittra 'A' fuq il-pjanta aktar 'il fuq imsemmija, filwaqt li l-konvenut ikollu l-porzjoni ndikata bl-ittra 'B';**

4. **Tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bħala kuratur għall-eventwali kontumaċji fuq l-istess att, liema att għandu jiġi ppubblikat fl-edifiċju tal-Qorti f'data li tiġi ffissata mill-Qorti fuq talba ta' xi parti jew tan-Nutar imsemmija;**

**L-ispejjeż tal-kawża u tal-proċeduri msemmija għandhom jitħallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali (ċjoe' nofs mill-atturi u n-nofs l-ieħor mill-konvenut).**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------